Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 318/2018

Il-Pulizija

Spettur Joseph Mercieca

Vs

Kurt Grima

Illum 19 ta' Frar 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kurt Grima detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 138785M, akkuzat flimkien ma' Omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. nhar it-28 ta' Ottubru 2014 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond Flat 2, Ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara, ikkommetta serq ta' ghadd ta' oggetti, fosthom ghodod u accessorji tal-elettriku, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-detriment ta' Kurt Bugeja u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
2. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 263(a), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Kurt Grima hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Bonello** (liema sentenza tifforma parti minn Dok. "JM" – *loose envelope*), ordnat lill-hati Kurt Grima sabiex fi zmien sena millum ihallas **nofs l-ispejjez** li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-atti tal-Inkjesta esebita in atti u li tinsab f'Dok. "JM" (*loose envelope*).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kurt Grima, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Lulju 2018 moghtija fil-konfront tieghu billi tilliberah mill-htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Kurt Grima huma s-segwenti u cioe`:-

a. Illi l-esponenti umilment jissottometti li kellux jigi misjub hati f'dawn il-proceduri billi mill-provi prodotti fil-konfront tieghu ma jirrizultax li huwa kkommetta d-delitt jew kien b'xi mod involut fit-twettiq. Mill-atti jidher car hafna li l-imputat cahad ripetutament li huwa kien involut fis-serqa sija bhala awtur jew bhala komplici. Spjega kjarament l-involviment tieghu bil-gurament quddiem din il-Qorti. F'ebda mument ma jiddikjara jew b'xi mod jindika li kien parti mit-twettiq tad-delitt li huwa akkuzat bih.

   L-esponenti jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti tat wisq affidament lil dak li kien ko-imputat u cioe` Christian Bonello. L-imsemmija ma qisitx li l-

istess Bonello bbenefika mill-fatt li għabba lill-istess esponenti b'involviment li jekk wieħed jaqra tajjeb l-indikazzjoni hija li kien l-imputat il-moħħ u mhux l-imsemmi li wettaq id-delitt.

b. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, l-esponenti umilment jissottometti li l-pieni inflitta fuqu għar-rigward l-akkuzi hija qawwija u l-esponenti jħoss li ma humiex indikati sabiex jirrijabilita ruħu u jirrintegra ruħu kompletament fis-soċjetà. Dan qiegħed jiġi mressaq għax l-esponenti umilment jissottometti li fil-ġurnata tal-lum hemm diversi pieni alternattivi li jistgħu jingħataw f'kazijiet fejn il-problema prinċipali mhix marbuta ma' delinkwenza abitwali imma hija xprunata mill-bżonn passat sabiex tinxtara d-droga.

Rat id-dokumenti kollha esebiti .

Rat ix-xhieda li nstemgħet quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

L-**Ispettur Joseph Mercieca** xehed nhar is-6 ta' Mejju 2018 u spjega illi nhar it-28 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta ta' l-4.00p.m Pierre Bugeja mar jirraporta l-għassa tal-pulizija ta' Bormla li huwa kien qiegħed jirranġa post u cioe' l-fond Flat 2, ta' Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara fejn meta mar hemmhekk induna li xi ħadd kien seraqlu diversi għodod kif ukoll il-connection tad-dawl bil-fuses b'kollox. A bazi ta' dan ir-rapport kienet infetħet inkjesta maġisterjali

Huwa kien mar fuq il-post u kellem lil Kurt Bugeja sid il-fond in kwistjoni u dan qallu li l-aħħar li kien ra l-post kien xi jumejn qabel ma induna bis-serqa. Jgħid li sgass ma kienx hemm pero' deher li kien hemm tieqa miftuħa u min daħal ħa oġġetti li jswew aktar minn €2,300 konsistenti f'għodod u apparat ta' l-elettriku.

Qal li sussegwentement sar jaf li fil-viċin dakinhar stess kienet saret serqa oħra u fis-serqa l-oħra kien sabu indizzji fil-konfront ta' ċertu Christian Bonello li in segwitu kien ammetta l-parteċipazzjoni tiegħu kemm f'dak il-kaz kif ukoll fil-kaz in desamina. Dan Bonello kien qallu li kien hemm persuna oħra pero' ġie traskritt li l-persuna kienet huwa innifsu (typo) pero' ighid li kienu għamlu s-serqa flimkien u li

kienu sahansitra anke qasmu r-rikavat tas-serqa. Huwa kellem ukoll lil Kurt Grima fejn dan kien qallu illi kien mar fuq il-post mas-sur Bonello pero' kien cahad li kien dahal fil-fond u kien cahad ukoll illi kien ha xi flus mis-serqa.

Huwa gharaf l-istqarija li kien ha tal-appellant nhar il-25 ta' Frar 2015 esebita fl-atti a fol. 14 tal-parocess

Il-**Perit George Pullicino** xehed nhar is-6 ta' Mejju 2015 u kkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaccedi fil-fond mertu tal-kawza nhar it-28 ta' Ottubru, 2014 u kkonkluda li s-serqa kienet aggravata bi sgass u bil-valur fl-ammont ta' €1,518. Qal ukoll li l-persuna li kkommettiet din is-serqa x'aktarx kienet kapaci hafna fl-elettriku u dan ghaliex irnexxilha taqla' d-distribution box waqt li probabilment kien ghad hemm is-supply tal-elettriku.

**Kurt Bugeja** xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem il-perit tekniku George Pullicino nhar id-29 ta' Ottubru, 2014 (fol 60). Dan stqarr li sar jaf bis-serqa ghall-habta tal-4.15p.m meta mar fuq il-post u sab il-bieb miftuh. Huwa kellem il- Josef Vella li joqghod fl-appartament ezatt facata taghhom u dan kien qallu li kien ra l-bieb tieghu miftuh pero' kien assuma li kien hemm is-sidien. Normalment imur hemm kuljum biex ikompli bix-xoghol. Qal li hafna mix-xoghol tal-finishing jghamlu hu u kien ghalhekk li kien qed ihalli hafna ghodda hemm. Qal li appena wasal fuq il-post ra li id-*distribution box* kienet maqlugha u wara cempel lil misieru u lit-tfajla biex jirraporta dak li kien sab.

Mistoqsi minn fejn jahseb li dahlu jghid li fil-fehma tieghu min dahal dahal mit-tieqa li hemm fit-terrazzin li mhiex maghluqa .Qal li l-fridge kienet ghadha kiesha u ghalhekk li ma kienx hemm dawl ghaliex min seraq qala wkoll id- *distribution box* dan ifisser li s-serqa ma kienitx ilha li saret.

Illi in segwitu Bugeja xehed ukoll viva voce il-Qorti u kkonfemra li l-affarijiet li insterqulu kienu tieghu u ta' missieru. Illi huwa kkonferma l-lista ta' oggetti li kien ta' lill-espert tekniku bhala l-oggetti li insterqulu u kkonferma li ma kienux koperti bi polza ta' sigurta. Mistoqsi jekk kellux xi hsara jghid li ma kellux

**Jessica Mifsud** ukoll xhedet quddiem il-perit tekniku nhar id-29 ta' Ottubru 2014 u qalet li dakinhar ghall-habta tal-4.30 kien cemplilha Kurt u qallha li kienu serquhom. Hija marret fuq il-post u qalet li biex tghaddi ghal bitha ta' tahthom dan isir facilment u cioe' mit-triq ghaliex l-girien kienu ghadhom ma ghamlux grada u ftit ta' zmien qabel kienu sabu xi nies fil-bitha taghhom u inhasdu.

**Ray Bugeja** xehed quddiem il-perit tekniku u stqarr li ftit wara li kien cempillu Kurt li kien ghall-habta tal-4.30 huwa mar fuq il-post u qal li Josef Vella kien qallu li nhar it-Tnejn bil-lejl il-kelb taghhom beda jinbah imma hu siktu ghaliex ma kien sema xejn. Qal li min seraq kien selettiv ghaliex ha l-ghodda mill-kaxxa u ma qabadx il-kaxxa b'kollox.

**PC 1593 Alfred Cachia** xehed nhar is-6 ta' Mejju, 2015 u pprezenta r-rapport imhejji minnu datat 28 ta' Ottubru, 2014 dwar is-serqa li kien irraporta Kurt Bugeja li sehhet fi Flat 2, Triq il-Luzzu, Kalkara. Jghid li kien mar fuq il-post u gie mgharraf li kienu insterqu xi affarijet tad-dawl u xi power tools u xi fittings li jsir id-dawl bihom.

**PS 180 Fabian Aquiina** u stqarr li qabel ma ittihdet stqarrija tal-appellant l-appellant hadu fuq il-post u urih fejn kien ipparkja l-karozza u minn liema bieb ghaddew beix sehhet din is-serqa.

**Christian Bonello** xehed nhar is-6 ta' Mejju 2015 (fol. 51) u mistqosi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu ghaliex jghixu fl-istess triq u kien ilu jafu minn meta kienu ghadhom zghar. Dwar is-serqa in kwistjoni jghid li dakinhar Grima kien cempillu biex imorru ghal-msitura flimkien u qallu li ma kellux fllus u ghalhekk qallu biex imorru jghamlu xi haga u mar mieghu. Qal li Grima qallu biex imorru fil-flat li gie derubat. Mistoqsi jispjega x'qallu jghid li qallu biex imorru jakkwistaw xi affarjiet u cioe' biex jisirqu. Jghid li hu mar bil-karozza tieghu waqt li Grima gie bil-karozza tieghu ukoll. Qal li ma Grima kien hemm ukoll it-tfajla tieghu li baqghet barra. Jghid li dahlu fil-flat. Qal li kien hu li fetah il-bieb u Grima dahal mill-bieb tal-flat normali. Qal imbaghad meta kienu gewwa hadu l-affarijiet li kien hemm ta' ghodda u affarijiet tad-dawl. Qal li kien hu li qala l-meter tad-dawl u l-fuses. Imbaghad ghabbew kollox fil-karozza tieghu u marru ibieghuhom. Qal li marru ghand wiehed

il-Marsa mgharuf bhala Grech u ma hadhomx imbaghad marru post iehor ghand habib tieghu li ma riedx jikxef min kien izda l-hanut tieghu hu l-'Far Lap' gewwa l-Marsa izda dan ma ridhomx imbagahd marru Hal Tarxien u bieghu l-oggetti ghal €100 u qasmu ir rikavat bejniethom, hamsin euro 'l wiehed. Pero' zied jghid li Kurt zamm xi affariejti ghalih ukoll. Mistoqsi jekk wara dan l-incident kellhomx xi jghidu ighid li le. Qal li fil-fatt wara dan l-episodju kien cempillu ukoll biex ighidlu li kienu arrestawh. Mistoqsi jekk kellux x'jasam mat-tieni serqa jghid li le wahdu ghamilha.

Mistqosi jekk jarafx lill-appellant jghid li jgharfu bhala Kurt Grima u kkonferma li fuq il-post marret maghhom it-tfajla ta' Kurt Grima.

Mistoqsi in kontro ezami ghaliex marru b'zewg karozzi jghid ghax Grima kellu t-tfajla mieghu. Jispjega u jghid li dakinhar kien qallu li kellu l-karozza tieghu bil-hsara u kient ghand il-mekanik u Grima tlabu biex jiehdu ghall-mistura, izda imbaghad mar bil-vettura tal-ghamla Asta ta' kulur abjad ta' missieru. Mistoqsi x'qallu meta cempillu jghid li qallu biex ighinu pero' cahad li talbu xi flus.

**Doreen Farrugia** tghid li kienet taf lill-appellant wara li iltaqghet mieghu go bar. Stqarret li nhar it-28 ta' Ottubru, 2014 hija kienet it tfajla ta' l-appellant. Qalet li dakinhar l-appellant kie iltaqa' ma siehbu Chritian u marru gewwa post waqt li hija baqghet fil-karozza ta' Grima. Qalet li kienu marru fuq il-post f'zewg karozzi separati. Hija kienet rikba ma Grima u Christian kien f'karozza ohra. Qalet li imbaghad hargu xi affarijiet minn dan il-post u t-tnejn li huma telqu b'mod separat. Mistoqsija x'sar mill-affarijiet li hadu tghid li inqasmu Rahal Gdid fejn id-dar ta' Christian. Ikkonfermat li kienet ukoll uriet lill-pulizija fejn kienu ipparkjati dakinhar tas-serqa.

**Clayton Gatt** xehed nhar id-9 ta' Dicembru, 2015 u kkonferma li jahdem f'hanut taz-zebgha bliem Fajlap Ironmongery gewwa Triq Xintill, Hal Tarxien. Mistoqsi jekk kienx xtara xi affarijeit misruqa jghid li le. Muri ritratt b'ragel fih ighid li gharfu bhala Kurt Grima ghaliex gieli kien imur jixtri minghandu pero' kien ilu ma jarah. Mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant ighid li jista' ikun hu Kurt Grima izda kellu xaghru differenti anke minn dak li kien gie muri mill-pulizija fir ritratt. Jghid li hu

kien xtara xi affarijiet minn dik il-persuna ghal prezz ta' sebghin euro (€70) u kien bieghhom ukoll.

**Spettur Spiridione Zammit** xehed u qal li fis-sena 2015 kien mar ikellmu Kurt Grima l-ghassa tal-pulizija il-Fgura u kellmu fuq certu Christian Bonello u dan kien qallu li Christian Bonello kien qed icempel lill-ommu il-Kalkara u jghidilha li jekk ma tohodlux xi flus il-habs (ghaliex kien qed jsiskonta sentenza il-habs) dan kien ser jghamillu xi rapport fuq serq. Meta huwa staqsih xi irid minnu qallu li xtaq li jkellmu biex ma jcempilx aktar lil ommu u ghalhekk talbu jinzel mieghu biex jghamlu rapport formali. Izda imbaghad baqgha mieghu li kien ser ikellmu izda ufficcjalment ma kienx sar xejn. Peress li Kurt Grima qatt ma ghamel rapport formali l-pulizija ma tkellmitx ma Christian Bonello fuq dan ir-rapport.

**PS 637 Kevin Manicolo** xehed u pprezenta rapport li kien hejja ex-parte flimkien ma ex PS 1261 Charles Pace dwar serqa li kient sehhet gewwa Triq il-Luzzu Kalkara nhar it-28 ta' Ottubru, 2014. Qal li huwa kien ha hsieb ix-xoghol ta' fotografija u gibed tlettax-il ritratt li anke juri marki ta' skalar. Huwa pprezenta dan ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok KM1. Jghid li PS 1261 ha hsieb jeleva xi impronti digitali liema ezamijiet ta' risultat negattiv.

Kurt Grima kien irrilaxja stqarrija nhar il-25 ta' Frar 2015, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 14. Ikkonferma li huwa kien gie arrestat in konnessjoni ma serqa li saret Triq il-Luzzu, Kalkara nhar it-28 ta' Ottubru 2014 minn fejn kienu gew msiruqa diversi ghodod u accessorji elettrici. Jghid ukoll li qabel ma irrialxja l-istqarrija il-pulizija akkompanjatu fil-lok sabiex ikun jista' jgharfu.

Grima jghid li hemmhekk mar ma Christian Bonello ghall-habta ta' l-10.am. Qal li Bonello dahal mill-bieb ta' fuq u kien hemm zewg kaxxi ippakjati u qallu li kien seraqhom u sabiex imur mieghu biex jigborhom. Qallu li l-karozza tieghu ma kientix qed tahdem sew u ghalhekk kien talbu biex johodhomlu d-dar. Huwa ghabba il-kaxxa ta' l0ghodda u tal-lakek fil-van tieghu waqt li Bonello ghabba xi xhaser tal-marka Makita u telqu minn fuq il-post. Qal li hu xtaq jixtri c-chaser pero' Bonello

qallu li kienu gja mibjughin. Meta waslu dedar ta' Bonello ghenu jhotthom u dan tah tlettin euro (E30) talli ghenu igorrhom.

Mistoqsi kif jaf lil Bonello ighid li ilu jafu minn meta kienu ghadhom zghar. Mistqosi jekk kienx veru li mieghu kien hemm Doreen Farrugia jghid li huwa minnhu pero' baqghet fil-van. Mistoqsi xi jghid dwar dak li qal Bonello u cioe' li huwa dahal mieghu fil-flat u ha parti attiva fis-serqa ighid li mhux minnu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi kwistjoni bejnu u bejn Bonello dwar kif kellhom jinqasu l-oggetti ighid li hux veru lanqas. Qal li fit-13 ta' Dicembru huwa kien qieghed Kordin jilghab il-football u kiser saqajh.

Mistoqsi jekk jafx fejn biegh l-affarijiet Bonello l-ewwel jghid li m jafx izda wara jghid li jafx pero' ma jridx jghid fejn. Qal li minn fuq il-post telqu b'zewg karozzi Bonello warajh pero' l-vettura bdiet tieqaf mat-triq.

Illi nhar il-5 ta' Ottubru, 2017 l-appellant ghazel li jixhed quddiem il-Qorti u kkonferma dak l-incient li kien mar jirraporta lill-ispettur Zammit gewwa l-ghassa tal-puizija Fgura u cioe' li Bonello kien icempillu mil-habs u jghidlu li jekk ma kienx ser ipoggilu ghoxrin (20) fil-gimgha il-habs huwa kien ser jirrpaortah li kien mieghu fis-serqa tal-Kalkara. Qal li huwa kien ikkopera mal-pulizija ghax ma kellux ghalfejn jibza' tant li anke l-impronti tieghu kien ta. Jghid li huwa ma kellux x'jaqsam xejn ma din is-serqa izda kien mar ma Bonello biex jigbor xi kaxxi li kellu Bonello. Qal li mieghu fil-karozza kellu t-tfajla Doreen. Qal li Doreen kienet marret mieghu fuq il-post bil-karozza tieghu waqt li Bonello mar bil-vettura tieghu Fiat Panda pero' bdiet tiqaflu ghax kienet bil-hsara. Mistoqsi xi ftehim kellu ma Bonello jghid li ma kellux ftehim ta' xejn hlief li jghinu igorr il-kaxxi sad-dar tieghu. Jghid li Bonello kien qallu li l-affarijiet kienu gew misruqa pero' ma qallux minn fejn insterqu. Jghid li sar jaf wara li kien wassallu l-oggetti id-dar. Mistoqsi x'ha minn din l-affari jghid li xejn. Qal li mhux minu dak li qal Bonello dwaru ghaliex dak iz-zmien kellu saqajh miksura u la seta' jaqbez la jitla' tarag xejn. Mistqosi setax isuq jghid li iva seta jsuq.

Rat in-nota ta' sottmissjonijeit tal-prosekuzzjoni kif ukoll dik tal-akkuzat esebiti fl-atti.

Ikkunsidrat.

Illi in breve il-fattti kienu s-segwenti. L-akkuzat qed ighid li kien ircieva telefonata minghand Christian Bonello biex jakkompanjah il-Kalkara biex jigbor xi kaxxi ghaliex kellu l-vettura tieghu bil-hsara. Illi l-akkuzat ighid li ghamel hekk u wassallu dawn l-kaxxi id-dar tieghu pero' fl-ebda hin ma jghid li ippartecipa fis-serqa u li sar jaf li l-oggetti kienu msirqua wara li kien waslu id-dar. L-akkuzat jghid li mieghu kien hemm it-tfajla tieghu Doreen izda din baqghet fil-karozza. Il-prosekuzzjoni qed tghid li l-akkuzat kien mar flimkien ma Christian Bonello fil-flat imsemmi fir-rapport tal-pulizija gewwa Triq il-Luzzu, Kalkara. Il-prosekuzzjoni tghid li kienu marru b'zewg karozzi u flimkien mal-akkuzat kien hemm Doreen Farrugia li baqghet fil-karozza fil-hin tas-serqa. Christian Bonello jghati din il-versjoni tal-fatti kif korroborata minn Doreen Farrugia li wkoll tghid li kienet fil-karozza mal-akkuzat u li hu dahal fil-fond flimkien ma Christian Bonello u rathom igorru l-kaxxi. Tghid li rat ukoll lill-akkuzat jiehu dawn l-kaxxi fid-dar ta' Christian Bonnello pero' x'kien hemm fil-kaxxi tghid li ma tafx ghaliex baqghet fil-karozza il-hin kollu. Taf ukoll li l-oggetti li insterqu gew mibjgha f'Hal Tarxien minekjja li l-akkuzat jinnega kollox.

Illi ghalhekk ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni hija ix-xhieda ta' Christian Bonello li huwa komplici minkejja li mhux ko-akkuzat. Id-difiza tajjeb osservat li dak li qal Bonello lill-pulizija fil-konfront tal-imputat odjern, m'ghandux valur stante li huwa kien komplici ghalkemm mhux ko-akkuzat mal-imputat odjern u ghalhekk ix-xhieda tieghu m'ghandhiex taffettwa lill-appellant, salv jekk m'hix korroborata b'evidenza ohra.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita' ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' ko-akkuzat anke b'referenza ghal-diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

*ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola*

*hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz*[1]

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 639(3) tal-Kap 9** u cioe' :-

"*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v John Bondin**[2], gie ritenut li din r-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza)

"*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali."*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera, w li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fuqu giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **Rex v Baskerville** [3]li rriteniet li

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence*

*which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George sive Gino Bezzina** [4] il-korroborazzjoni hi biss

[1] Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 23 ta' Mejju 2001.

[2] Mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1921

[3] 1916 - 2.K.B. 658.

[4] Mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar it - tletin ta' Marzu, 1993,

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

u m'hemmx bzonn li tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et** [5]li tghid:

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat.*

*Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lil akkuzat u tesdenti li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti li lakkuzat kkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulziija v John Said et** [6]fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero' trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-versjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-versjoni u l-akkuzat. Trid tkun korrobarazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li lattivita' kriminuza allegata mill-ahwa Sultana fix-xhieda taghhom verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggix.

[5] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax ta' Novembru, 1944

[6] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit- tnejn ta' Dicembru, 1998

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi li fil-fatt jghid is-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide **Rex v Bezzina** - Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944) what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide **Rex v Cuschieri** deciza 30 ta' Marzu, 1915) confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide **Police v Sammut** deciza 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*).

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda w fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *"does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged"*?

Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In Thomas v Jones (1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration*."

Huwa minnu dak li stqarret id-difiza f'dan il-kaz li r-regola dwar il-korraborazzjoni twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq xhieda ta' persuna li hi stess kriminali. Ghalhekk dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli l-istorja tal-komplici u li jkun ragonevolment "safe" li wiehed joqghod fuqha. Il-ligi ma tirrikjediex illi x-xhieda tal-komplici tkun korroborata minn xhieda ohra, dak li tirrikjedi hu korraborazzjoni minn cirkostanzi ohra. Ma hemmx bzonn konferma ndipendenti ta' kull ma jghid il-komplici.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Emanuel Hili et</u>**[7] tghid:

*"This evidence need not be direct evidence, it is sufficient if it is circumstantial evidence. It may be a second witness or documentary evidence, or evidence of some earlier offence or admission of the accused. The corroboration required is independent evidence, which affects the prisoner by connecting him or tending to connect him with the crime. It must confirm not only the evidence that the crime has been omitted but also that the person committed it". (vide f'dawn ir-rigward Appell Kriminali fl-ismijiet* ***<u>il-Pulizija vs Di</u>*** **<u>Falco</u>** *moghti nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 u Rex vs Bordin moghti nhar +it-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1971).*

Ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda ta' Chritian Bonello li gja kien ghadda proceduri dwar dan l-istess serq qabel ma xehed u ghalhekk huwa minnu li huwa dak li jissejjah komplici. pero' jinghd li Bonello stqarr diversi fatti fix-xhieda tieghu li gew mixhuda mill-akkuzat pero' konfermati minn xhud independenti u cioe' Doreen Farrugia .

1. Bonello ighid li kien mar fil-lok li gie deubat bil-karozza tieghu flimkien ma L-akkuzat f'zewg karozzi separati. Doreen Farrugia dan tikkonfermah u anke l-akkuzat stess meta xehed viva voce il-Qorti.

2. Bonello ighid li kienu ghabbew diversi kaxxi mill-fond derubat kemm fil-karozza tieghu kif ukoll f'dak tal-akkuzat u haduhom ghandu l-Kalkara. Dan hu konfermat kemm mill-akkuzat kif ukoll mix-xhud Doreen Farrugia.

3. Bonello jghid li l-akkuzat kien qallu li ried jisraq u jakkwista xi haga ghax ma kellux flus. Doreen Farrugia tghid li taf li l-akkuzat dahal fil-fond u hareg bil-kaxxi f'idejh u tghid ukoll li kien Grima li mar jiltaqa' ma Bonello.

4. L-akkuzat jghid li ma setax jimxi ghaliex kellu saqajh miksura pero' jghid li seta' isuq. L-akkuzat pero' meta xhed il-Qorti ighid li kien kiser saqajgh f' Dicembru 2013 meta kien gia residenti Kordin u ghalhekk ghaxar xhur qabel

[7] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar, 1986

is-serqa. Doreen Farrugia u Bonello ighidu li Grima dahal mill-bieb tal- fond u garr il-kaxxi fl-ebda hin ma jghidu li Grima kellu xi problem biex jimxi.

5. Bonello ighid li kien ha l- kaxxi Hal Tarxien u l-merca giet mibjugha hemhekk. Dan Doreen tikkonfermah ukoll.
6. Bonello gie investigat fuq serqa ohra u kien hu stess li qal li l-akkuzat ma kienx komplici mieghu u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex kellu jikkreja din l-istorja fir rigward ta' din is-serqa kif donnu implika l-appellant.
7. L-akkuzat stess jamemtti mal-pulizija qabel ma irrilaxja l-sitqarrija fejn kien ipparkja dak in-nhar tas-serqa u minn fejn kienu dahlu pero' meta xehed jghid li hu ma dahalx.

Ghalhekk il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni irnexxiha tipprova il- korroborazzjoni tax-xhieda mghotija mill-komplci Christian Bonello u ghalhekk tiddikjara li l-akkuzat ghandu jinsab hati tar-reat ta' serq aggravat kif gja msijub hati mill-ewwl Qorti.

Dwar l-aggravju tal-valur din tirrizulta ukoll mix-xhieda tad-derubat Kurt Bugeja li jghid li jaqbel ma l-sitima li ipprezenta il- perit tekniku George Pullicino a fol 73 ta' l-atti li l-valur kien ta' €1,518 u ghalhekk l-aggravju tal-valur jirrizulta.

Dwar l-aggravju tal-mezz jirrizulta minn dak li xehed PC 637 Manicoli li jghid li fuq il-post kien hemm skalar kif indikat fir ritratti mehuda minnu u ghalhekk l-aggravju tal-mezz kif kontemplat fl-artikolu 263 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

War l-akkuza tar-recidiva jinghad li l-prosekuzzjoni esebiet tlett sentenzi moghtija nhar it-18 ta' Gunju 2009 (Dok A) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fejn instab hati tar reat ta' diversi serqiet u gie kkundannt sentejn priguenrija effettivi, sentenza ohra li ingahtat nhar is-16 ta' mejju 2013 (Dok B) fejn instab hati tar reat ta' serq u gie ikkundannat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali disgha xhur prigunerija, sentenza ohra moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal nhar it-18 ta' Frar 2013 (Dok C) fejn instab hati ta' reati ta' serq fejn gie kkundannat tmintax-il xaghar prigunerija fejn il-konnotati tal-appellant odjern huma l-istes bhal

konnotati li jidhru fuq dawn is-sentenzi appena citati u ghalhekk l-akkuza ta' recidiva tirrizulta provata sodisfacentement.

Dwar il-piena l-Qorti rat li l-ewwel Qorti ikkundannat lil-appellant prignerija effettiva ghall-perijodu ta' ghoxrin xahar li fic-cirkotanzi odjerni u cioe' talli qed jinstab hati tar- reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-mezz u talli hu recidiv hija piena misthoqqa u taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta. Tikkonfermaha ukoll anke fir rigward tal-kundanna li l-appellant ghandu ihallas l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta' l-esperti u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur